Kunsill Lokali Ħal Balżan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balżan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## Laqgħa Nru. 24

Data: 25 ta' Lulju 2016

Ħin: 4.30pm

Post: Fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balżan

---

| Preżenti: | | |
|---|---|---|
| | ***Dr. Ian Spiteri –*** | ***Sindku*** |
| | ***Andre Grech –*** | ***Viċi Sindku*** |
| | ***Desmond Zammit Marmara –*** | ***Kunsillier*** |
| | ***Daniel Muscat-*** | ***Kunsillier*** |
| | ***Joe Galea-*** | ***Kunsillier*** |
| | **Mark Mallia–** | **Agent *Segretarju Eżekuttiv*** |

Skużati:

Assenti:

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajjma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn April sa Ġunju
6. Komunikazzjoni tal-Kunsilliera
7. Approvazzjoni ta' Pagamenti
8. Aġġornament.

## 1 Qari u approvazzjoni ta' Minuti

**1.1.** Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tnejn u Għoxrin u Tlieta u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

**1.2** Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2 Punti maqjma mill-Minuti

**2.1** Ma kien hemm ebda punti mqajjma.

## 3. Komunikazzjoni tas-Sindku

**3.1** Is-Sindku Dr. Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li l-permess tal-MEPA għal post il-ġdid tal-Kunsill ġie approvat. Ix-xogħlijiet ser jibdew minnufih u għandu jikkuntattja lil dawk li kienu tefgħu l-kwotazzjonijiet għal xogħol strutturali li hemm bżonn isir.

**3.2** Is-Sindku Dr. Ian Spiteri qal li avviċinawh xi nies u nfurmawh li xi ħadd qed jivvelena l-ħamiem għaliex instabu xi ħamiem mejta fil-pjazza kif ukoll fi Triq Il-Kbira. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jinforma lill-pulizija b'dan l-aġir.

**3.3** Is-Sindku Dr. Ian Spiteri tkellem fuq il-public private partnership biex il-latrini pubbliċi jgħaddu f'idejn il-privat. Il-Kunsill qed jintalab biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu. Il-Kunsill b'mod unanimu talab lis-Segretarju biex jikteb lura u jinfurmahom li qabel ma jingħata rapport dettaljat dwar in-nefqa kapitali, running costs inkluż id-dawl u l-ilma kif ukoll it-tariffa li ser tintalab lin-nies, il-Kunsill mhu ser jiffirma ebda ftehim.

**3.4** Is-Sindku Dr. Ian Spiteri ressaq talba fuq problema ta' xi tappiera li tinsab quddiem 44, Triq it-Tlett Knejjes. Il-Kunsillier Joe Galea ser jara x'inhi l-problema.

**3.5** Is-Sindku Dr. Ian Spiteri ressaq talba tal-iskola primarja ta' San Alwigi biex Triq San Frangisk waqt il-ħinijiet ta' l-iskola tingħalaq bejn is-1.30pm u 2.30pm flok mis-1pm sas-2pm. Il-Kunsill approva u ser tintbagħat talba ma' Transport Malta.

**3.6.** Is-Sindku Dr. Ian Spiteri poġġa ittra fuq il-mejda tal-kamra mingħand is-sinjura Borg Olivier ta' Triq Il-Kbira minħabba li l-karozzi qed jimbarraw l-aċċess għat-triq tagħha. Huwa infurma lill-Kunsill li saret kaxxa safra quddiem ir-residenza tagħha biex jiġi evitat milli jiġri dan.

**3.7.** Is- Sindku Dr. Ian Spiteri fid-dawl tal-fatt li bħala Kunsill ġejna nfurmati minn Transport Malta li qed tingħata estenjoni fuq il-1 meter double yellow line lill-avukat Dr. R. Farrugia mingħajr ma kien nfurmat lill-Kunsill, huwa kellu laqgħa mad-Direttur tal-

Kunsilli Lokali, s-Sur Adrian Mifsud u nfurmah b'dawn l-abbużi li qed isiru minn Transport Malta. Sadanittant huwa talab lis-Segretarju biex niktbu lill-Transport Malta biex jitneħħew il-kaxxi sofor li jinsabu faċċata ta' xi residenzi u dawn isiru parking bays għal kulħadd.

## 4. Korrispondenza u Ilmenti

**4.1** Ittra Nru **5948**: Ittra mingħand l-Awtorita' tad- Djar fejn qed jintalab lill-Kunsill meta ser joħroġ mill-fond minn fejn qed jopera bħalissa. Is-Sindku qal li tkellem magħhom u nfurmahom li sa l-aħħar ta' Diċembru, il-post ser jiġi battal.

**4.2** Ittra Nru. **5852**: Cirkulari Nru 11/2016-DLG: Espressjoni ta' Interess għall-Impjiegi ta' Persuni b'Diżabilta'

**4.3** Ittra Nru **5864**: Email mingħand G. Camilleri fuq ir-risposta li tawħ il-MEPA biex titneħħa s-siġra li tinsab fi Triq Il-Kbira quddiem blokka ġdida fejn infurmawħ li deċiżjoni trid tittieħed mill-Kunsill. Il-Kunsill b'mod unanimu ma approvax din it-talba.

**4.4** **Ilment Nru 201600013**: Ilment li l-pjanti li jinsabu mxerrda ma' l-inħawi tal-pjazza mhux qed jiġu msaqqija. Il-Kunsillier Joe Galea infurma li kellem lil din il-persuna u ttieħdet azzjoni.

**4.5** Dwar l-ilmenti u l-korrispondenza l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, il-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 5. Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn April sa Ġunju 2016

**5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur minn April sa Ġunju (mehmuż). Is-SE ta xi spjegazzjoni u wieġeb xi mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

**5.2** Ir-rapporti finanzjarji kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara. Ir-Rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

## 6 Komunikazzjoni mill-Kunsillier

**6.1** Il-Kunsiilier Desmond Zammit Marmara tkellem fuq ir-restawr tan-niċċa li tinsab fi Triq It-Tlett Knejjes u fiex waslet l- applikazzjoni. Prezenti kien hemm is-sid tad-dar privata fejn hemm in-niċċa.

**6.1.1** Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li għar-raġuni li s-sid tad-dar diġa’ għamel xi xogħolijiet ta’ restawr ma jafx kemm wieħed jista’ japplika għal din l- iskema, pero’ huwa talab lis-sid jipproduċi riċevuti tal-ispejjez li saru s’issa u wieħed jara x’jista’ jsir.

**6.2** Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq ilment fejn qed isiru xi xogħolijiet ta’ kostruzzjoni li qed isir fil-kantuniera ta' bejn Triq l-Imdina u Triq San Franġisk, għaddejt minn hemm il-Ħadd, 7 ta' Awwissu u l-Ħadd, 14 ta' Awwissu u fiż-żewġ okkażjonijiet kien qed isir ix-xogħol f'wiċċ kulħadd il-Ħadd filgħodu.

**6.2.1** Ser jiġu infurmati l-pulizija biex jinforza l-liġi li tistipola li xogħolijiet ta’ kostruzzjoni ma jistgħux isiru nhar ta’ Ħadd u Festi Pubbliċi.

**6.3** Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara lmenta li l-Erbgħa, 17 ta' Awwissu, Triq il-Paguni kienet magħluqa fid-disgħa ta' filgħodu waqt li xi ħaddiema kienu qed itellgħu l-affarijiet f'xi bini. Huwa staqsa jekk ħariġx xi permess mill-Kunsill u jekk le għandu jsir aktar infurzar.

**6.3.1** Is-Segretarju wieġeb li ma ħareġ ebda permess.

**6.4**. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq skip kbir li hemm fi Vjal De Paule fejn dan ilu hemm mhux ħażin.

**6.5**. Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li daħal rapport fuq rimi ta’ skart madwar il-bring in site f’Wesgħa Profs. Aquilina. Huwa qal li kellem lil persuna li għamel dan ir-reat u għal din id-darba biss wissieħ.

**6.6** Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li kellhom isiru xi xogħoljiet urġenti u nbidlu il-bozoz fuq il-lampi li jinsabu fil-playing-field għax kienu mingħajr dawl. Dawn ix-xogħolijiet swew lill-Kunsill € 717.

**6.7** Il-Kunsillier Joe Galea talab lill-Kunsill li għal laqgħa li jmiss tidħol fl-aġenda l-laqgħa li kellu s-sottokumitat tiegħu rigward il-problema tal-ħamiem ġewwa r-raħal fejn ingħataw xi suġġerimenti u jixtieq li dawn jiġu diskussi.

**6.8** Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li hemm bżonn isir it-tindif tal-culverts li jinsabu f’Wied Ħal Balzan qabel ma tibda l-ewwel xita tal-istaġun. Il-Kunsill approva u ser jinġabru xi kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

**6.9** Il-Viċi Sindku Andre Grech tkellem fuq il-laqgħa li kellu mal-Perit A. Bezzina rigward il-proġett li għandu f’moħħu l-Kunsill fuq it-tkomplija tat-tisbieħ tat-toroq madwar il-pjazza fejn dan il-proġett ser jinqasam f’diversi fażijiet.

**6.10** Il-Viċi Sindku Andre Grech infurma lill-Kunsill li ser jitlob għal-laqgħa mal-Ministeru tax-Xogħolijiet u Trasport biex tiġi diskussa t-talba li qed issir mill-Ministeru biex jiżdiedu l-culverts fil-pjazza. Dan għar-raġuni li minħabba li l-pjazza għandha garanzija ta’ 5 snin peress li hija marbuta mal-ERDF 205.

**6.11** Il-Viċi Sindku Andre Grech ressaq ilment fuq il-ħmieġ tal-ħamiem li qed ikun hemm kuljum fi Triq Sisner fejn għandu jsir aktar tindif. Il-Kunsill ħa nota.

**6.12** Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill li ser ikun hemm bżonn ta’ aktar studju fuq il- proposta ta’ zebra crossing fi Triq Il-Kbira fejn Starlets.

## 7. Approvazzjoni tal-pagamenti

**7.1** Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tat-22 ta' Awwissu 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 21,854.42. L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat li kien issekondat mill-Viċi Sindku Andre' Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 8. Aġġornament tal-Laqgħa

**8.1** Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru 2016 fl-16.00pm

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data